Il-Kummissjoni Ewropea

# BAĠIT TAL-UE
# GĦALL-FUTUR



2 ta' Mejju 2018

# SIGURTÀ

## GĦALIEX DIN HIJA PRIJORITÀ?

Li tħossok sikur u sigur huwa l-aktar dritt bażiku u universali fost id-drittijiet kollha. Is-sigurtà kienet fost l-ogħla prijoritajiet tal-Kummissjoni Juncker sa mill-bidu nett. Iżda tul iż-żmien reċenti, it-theddid għas-sigurtà evolvew. L-Istati Membri tal-UE diġà ħadmu flimkien biex jiżguraw rispons effettiv għat-theddidiet diversifikati għas-sigurtà - inklużi forom ġodda ta' attakki terroristiċi, radikalizzazzjoni, tipi ġodda ta' kriminalità organizzata u t-theddid għaċ-ċibersigurtà. Se jkollhom bżonn jkomplu jagħmlu dan fil-futur.

It-theddidiet għas-sigurtà ma jafux fruntieri u qed isiru dejjem iktar internazzjonali. In-natura kumplessa ta' dawn l-isfidi hija tali li l-ebda Stat Membru ma jista' jew ma għandu jiffaċċjahom waħdu. Il-baġit tal-UE jrid jappoġġa lill-Istati Membri fir-responsabbiltajiet u l-isforzi tagħhom biex iżommu l-Ewropej sikuri.

## DAN XI JFISSER F'TERMINI FINANZJARJI?

Il-baġit tal-UE għas-sigurtà u d-difiża se jkun imsaħħaħ b'mod sinifikanti, b'kollox għal **EUR 27.5 biljun** li minnhom **EUR 4.8 biljun** speċifikament għas-sigurtà.

**Bidla sinifikanti għas-sigurtà u d-difiża**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea
Nota: Imqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali fl-UE-27 (stima)

## X'HEMM ĠDID FIL-PROPOSTI TAL-KUMMISSJONI?

- **Fond għas-Sigurtà Interna msaħħaħ** b'mod sinifikanti ta' **EUR 2.5 biljun** li se jikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà fl-UE billi jindirizza t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità u billi jassisti u jipproteġi lill-vittmi tal-kriminalità. Il-Fond se jżid l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, jiżgura sistemi ta' informazzjoni tal-UE iżjed effettivi u effiċjenti u jżid il-kooperazzjoni, it-tħejjija u r-reżiljenza fil-livell tal-UE billi jappoġġa operazzjonijiet konġunti u taħriġ. Il-Fond għas-Sigurtà Interna msaħħaħ se jappoġġa wkoll lill-Istati Membri permezz ta' Assistenza ta' Emerġenza biex ikun hemm rispons rapidu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.
- Tisħiħ tal-**EUROPOL** — **l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi**. Il-baġit futur tal-UE se jkomplu jsaħħaħ il-Europol u l-abbiltà tiegħu li jikkumplimenta l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali u jipprovdi rispons Ewropew aktar qawwi u effiċjenti għal theddid għas-sigurtà.
- Tkomplija ta' appoġġ finanzjarju mmirat strettament **għal dekummissjonar sigur ta' attivitajiet nukleari** f'xi Stati Membri (il-Litwanja, il-Bulgarija u s-Slovakkja).

## B'LIEMA MOD IEĦOR IL-BAĠIT FUTUR TAL-UE SE JAGĦMEL DIFFERENZA F'DAN IL-QASAM?

- Investimenti permezz **tal-Politika ta' koeżjoni tal-UE** jistgħu jikkontribwixxu għas-sigurtà, pereżempju f'oqsma bħat-trasport u l-enerġija fejn jeħtieġ li l-infrastruttura tkun sikura u sigura.
- Programmi relevanti ffokati fuq teknoloġiji diġitali, infrastruttura u netwerks, jew permezz ta' riċerka u innovazzjoni se jikkontribwixxu għall-isforzi tal-UE biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà b'mod partikolari permezz tal-**Programm Ewropa Diġitali** kif ukoll Horizon Europe.

## IL-PASSI LI JMISS

| Data | Pass |
|---|---|
| 02/05 2018 | **Il-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali lil hinn mill-2020** |
| 13/06 2018 | **Proposti leġiżlattivi settorjali għal programmi ta' nfiq** |
| 28-29/ 06/2018 | Il-Kunsill Ewropew |
| 12/09 2018 | **Id-Diskors tal-Istat tal-Unjoni tal-President Juncker** |
| 18-19/ 10/2018 | Il-Kunsill Ewropew |
| 13-14/ 12/2018 | Il-Kunsill Ewropew |
| 21-22/ 03/2019 | Il-Kunsill Ewropew |
| 09/05 2019 | Is-Summit ta' Sibiu |

Print ISBN 978-92-79-84667-0 doi:10.2775/428833 NA-02-18-464-MT-C
PDF ISBN 978-92-79-84701-1 doi:10.2775/799423 NA-02-18-464-MT-N